Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAT-TIENI LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 18 ta' April 2012 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.30pm | Sa | 8.45pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet mmexxija mis-Sur Stefan Cordina, Sindku.**

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI.**

Il-minuti gew approvati bla ebda korrezzjoni biss, Is-Sur Herbert Messina Ferrante talab biex il-Minuti jintbaghtulu *hard copy.* Is-Sur Cassar qal ukoll li fil-Minuti taht karigi m'hemmx imnizzlin il-Karigi. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hu minnu li mhumiex imnizzlin il-karigi imma dana ghaliex dawn huma mehmuza mal-istess minuti separatament. Ghaldaqstant ghandha tizdied il-kelma kopja annessa taht l-item karigi.

2. **KORRISPONDENZA**

🗁 E-mail minghand il-Ministeru tat-Turizmu rigward vista ta' kortezija li l-Ministeru kien qed joffri ghar-residenti ta' H'Attard. Is-Sur Cordina ssuggerixxa li din issir il-Gimgha filghodu u jinghaqad grupp tal-anzjani 60+. Is-Sur Messina Ferrante saqsa bhala President tal-APAN, jekk jistax jiehu grupp hu. Is-Sur Cordina qal li jista' imma privatament mhux bit-trasport tal-Kunsill. Gie deciz li tigi kkuntatjata is-Sinjura Carmen Attard u skond kemm jinkitbu jigi ordnat it-trasport.

🗁 Giet prezentat kopja tat-Ta' Qali Action Plan ghall-attenzjoni tal-Kunsill sabiex min irid jibghat is-suggerimenti tieghu.

🗁 Ittra min resident rigward talba sabiex isiru ir-restawr tal-bust tal-Papa fi Pjazza Gwanni Pawlu II. Gie deciz li tintalab l-ghajnuna tal-Ministeru ta' George Pullicino rigward restawr fuq dan il-Bust. Is-Sur Herbert Messina Ferrante issuggerrixxa li jittiehed ritrattt tieghu. Is-Sur Remigio Bartolo qal li nhar il-gimgha ghandu laqgha il-Kunsill mas-Sindku u ma Mario Borg u jistghu jistaqsu fuq fondi tal-EU.

🗁 E-mail minghand Claire Saliba sabiex isiru l-parking bays u Triq il-Linja terga ssir One-way. Is-Sur Stefan Cordina qal li qed ikun hemm hafna talbiet filwaqt li Is-Sur Ralph Cassar qal li basta li dawn jkunu gustifikati. Is-Sur Messina Ferrante qal li kienu xebghu jigbdulu l-attenzjoni fuq dik it-trinka fi Triq Lorenzo Manche. Is-Sur Marco Spiteri tenna li dik kienet problema tad-drenagg. Dan sostnieh is-Sur Cordina fejn qal li kienu ilhom jikkumbattu 4 snin.sabiex jieqaf diehel id-drenagg fil-propjeta tan-nies. Is-Sur Bonnici qal li hu wkoll mar fuqha. Ghandha ssir talba lid-Dipartiment tad-Drenagg sabiex din it-trinka titghatta mill-aktar fis possibbli.

🗁 Traffic assessment 30km

Is-Sur Herbert Messina Ferrante talab kopja ta' dan l-assessment. Is-Sur Herbert Messina Ferrante gibed l-attenzjoni fuq korrispondenza mibghuta lilu mis-Sur Victor Farrugia. Hu qal li fl-email is-Sur Farrugia qallu li reggghet saret it-triq u saret hazin. Hawnhekk is-Sur Cordina interrompa u qal li din il-materja xebghet tigi diskussa u li t-triq saret ghal darba tnejn u fejn ma kienx tajjeb, rega sar. Fl-ebda hin il-kuntrattur ma thallas ghax xoghol hazin li sar u li gie certifikat hazin mill-perit. Issa reggghet saret it-triq. Is-Sur Gerry Borg staqsa minn min u s-Sur Cordina qal li minn Bitmac. Issa x-xoghol qed jerga jigi c-certifikat u qed jittiehdu core samples ghat-testing. Li s-Sur Farrugia jistenna li kif taghmel ix-xita l-ilma jisparixxi immedjatament, lanqas f'toroq normali ma tezisti. Fix-xoghol fuq din it-triq sar progress kbir imma li s-Sur Farrugia jistenna li akkost li haddiehor jispicca b'targa jsir dak li jghid hu, huwa mpossibli. Is-Sur Cordina qal li jekk issa l-Perit jiccertifika li triq hi tajba hekk ha tibqa'. L-ilma qed jinzel u mhux qed jibqa migmugh f'ghadajjar u ghala jrid jerga' bilfors jaqla triq, li tista' tkun tajba, ma jistax jifimha. .

## 3. 3 YEAR BUSINESS PLAN

Is-Sur Cassar ghadda kopja tas-suggerimenti tieghu u spjega dak li hu jixtieq li jsir f'dawn it-tliet snin. Is-Sur Stefan Cordina qal li kellu laqgha mas-Sur David Soler fejn tkellmu fuq il-Green Wardens u identifikali xi postijiet fosthom it-traffic island fin-naha ta' fuq ta' Triq l-Ghenba. Is-Sur Bartolo staqsa jekk jittiehed ritratt tal-iskart mitfugh, wiehed jistax jipprocedi? Is-Sur Cordina qal li ma jistghux imma suppost il-Pulizija sostna ukoll is-Sur Spiteri jistghu. Is-Sur Azzopardi qal li tajjeb li dan isir dan f'postijiet pubblici. Is-Sur Marco Spiteri qal li ahjar li l-Green Warden imur filghaxija u jippreferixx jeduka milli jinqabdu jinghataw citazzjoni direttament. Qal jista jingab sponsor mill-Greenpak, isir leaflet fuq eko festa, ir-riciklagg u Green Warden u johduha pozittivament. Is-Sur Bartolo ssuggerixxa li flok jinghataw citazzjonijiet jkellmuhom bil-kwiet l-Ufficcini. Is-Sur Ralph Cassar qal li l-bankini u t-toroq ghandhom vera bzonn u li t-three year business plan ghandu jkun indikazzjoni tal-ispiza finanzjarja.

Is-Sur Bonnici qal li hekk hu u li dawn iridu isiru tajjeb bhalma sar mill-Kunsill tas-Siggiewi li ta' 3 pulzieri tarmac kullimkien flok ma qaghad jidhol fi spejjez kbar bhalma hi l-iskema PPP. Is-Sur Borg saqsa kemm hu l-fond tal-Kunsill ghat-toroq? Qal ukoll li jrid isir ezercizzju fejn marki tat-toroq li jistghu isiru mill-haddiema isiru minnhom bhalma sar recentament. .

Is-Sur Herbert Messina Ferrante qal lli hemm bzonn li nwasslu l-messagg li m'hemmx fondi bil-kwantita. Is-Sur Cordina qal li ar-rahal jista jinqasam f'zoni u jiltaqghu man-nies. Is-Sur Spiteri ma qabilx ma dan ghax qal li ha tkabbar l-expectations. Is-Sur Azzopardi qal li hemm limitu filwaqt li s-Sur Cordina qal li qabel l-elezzjoni hu dar mar-rahal imma tgergir kien vera minimu u l-maggoranza tan-nies kienu kuntenti bil-Kunsill.

Is-Sur Bartolo qal li forsi jekk jigi ndikat li l-ufficini l-godda ha jintuzaw bhala librerija u jsiru korsijiet go fihom, u li ha tgawdi minnhom il-komunita, forsi jingabu fondi mill-Heritage tal-Unjoni Ewropeja. Qal ukoll li minn naha tieghu hu jixtieq li jitkompla x-xoghola fuq il-gemellagg (gemellaggi godda) u li bi ftit flus tista ssir PR tajba, darba fix xahar, f'forma ta' gazzetta jew handout. Is-Sur Spiteri qal ukoll li ta' min ikompli fuq attivitajiet bhal Lejl ghat-Tard.

Is-Sur Gerry Borg ressaq dan il-punti. Li jingiebu fondi tal-Unjoni Ewropeja ghall-progetti f'H'Attard, li jsiru Child Care Centre, Day Care Centre u Night Shelter (kulhadd qabel), li ssir applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Anzjani ghal dawn imsemmija qabel u li jinghataaw il-boroz tar-riciklagg ghal kulhadd. Is-Sur Ralph Cassar qal li tant tahdem sewwa is-sistema li ma rawx lok ghalfejn ghandu jinghata dan l-incentiv. Qal li ssir one off iva, imma li ssir dejjem ma jaqbilx. Wara kollox kull pakkett jiswa biss 1 Ewro. Is-Sur Herbert Messina Ferrante li jekk ma tinvolvix flus, ghandna ninkoragguha. Is-Sur John Bonnici nissuggerixxi biex isiru sitt attivitajiet bhall hargietkulturali, coffee mornings

Issuggerixxa li jsiru sitt attivitajiet fis-sena li jkunu imhalltin bhal hargiet kulturali, coffee mornings ecc. Is-Sur Alfred Zammit qal li hu kull ma jixtieq hu li jinxtraw l-ufficini u li l-Klinika tal-Gvern tiffunzjona iktar.

**4. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI MARZU**

Is-Sur Alfred Zammit oggezzjona ghall-hlas tas-salarju tas-Sinjura Julie Cachia. Ippropona ukoll li xoghol li kapaci jaghmlu il-haddiema taghna, jaghmluh huma.

**5. EMENDA KUNTRATT KNIS U GONNA**

Is-Sur Remigio Bartolo wera kopja ta' xi ritratti li baghat l-ufficcju tal-Kunsill fuq iz-zewg kenniesa li suppost kellhom jikinsu Triq il-Pitkali u li iktar ghaddew hin fil-bar milli jikinsu. Is-Sur Marco Spiteri issuggerixxa li jsiru spot checks filwaqt li qal li jekk jigu ghat-tender, mhux ha jikkonfermaghhielu. Is-Sur Gerry Borg qal li ghandha ssir supervision kuljum u li lesta skeda ta' kif ghandu jsir il-knis u li jekk din tintlaqa tista' tinbidel flok l-iskeda ta' qabel. Is-Sur Ralph Cassar qal li l-supervisioni fuq in-nies ghandha ssir mill-Kuntrattur stess. Is-Sur Cordina qal li hu ha jtarraf dan kollu lill-Kuntrattur u jekk hemm bzonn, jinbidlu l-haddiema. Is-Sur Spiteri qal li waqt il-home visits, filwaqt li l-ilment fuq il-Kunsill kienu minimi, fuq il-knis kienu hafna. Gie deciz li jsir kuntatt mas-Sur Joey Gauci u mieghu tigi diskussa il-problema tal-haddiema u kif ha jimmiljora is-servizz.

**6. JUM H'ATTARD**

Is-Sur Cordina issuggerixxa li dan isir fit-8 ta' Gunju li tahbat il-gurnata meta gie ffurmat l-ewwel Kunsill Lokali u li dan isir fi Gnien Hal Warda biex jigu limitati l-ispejjez. Is-Sinjorina Luisa Gauci Baluci u il-familjari tas-Sur Norbert Pace ghandhom jinghataw Unur Gieh H'Attard. Id-data ta' l-eghluq tan-nominazzjonijiet ghandha tkun 25 ta' Mejju. Is-Sur Cordina ghandu jaghmel kuntatt mal-partecipanti.

**7. PUNTI MQAJJMA**:

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:

- Se ssir laqgha mas-sidien tal-MFCC u n-Numero Uno rigward l-istrobju ta' dawn il-klabbs li gieli jinstama sahansitra minn hdejn il-knisja. Laqgha minnhom, mas-Sur Chris Grech, ghandha ssir fil-granet li gejjin.

Is-Sur Herbert Messina Ferrante ressaq dawn il-punti:

- Issuggerixxa li jsir rapport rigward l-istorbju lill-Hlenicker Noise Abatement Society. Din it-talba giet milqugha.

Is-Sur Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Li ssir u tingabar informazzjoni jekk tistax issir gazebo fi Gnien il-Palma
- Li jsiru Sleeping Policemen fi Triq Victor Vassallo u forsi roundabout fil-Pjazza ta' quddiem Triq il-Qiegha biex jitnaqqas is-sewqan eccessiv.
- Li terga ssir il-bring-in site fi Triq Dun Mikiel Xerri
- Li r-rotta 202 tibqa' ghaddejja kontinwament bis-Sibtijiet u Hdud u ma tieqafx Mater Dei. Is-Sur Stefan Cordina heggeg li l-ilmenti ghandhom jghadduhom direttament lill-Arriva
- Talab li jigi pprovdut it-trasport ghall-Klabb tan-Netball li darba fil-gimgha jmorru jittrenjaw f'post barra mir-rahal. Is-Sur Gerry Borg oggezzjona ghal dan ghax qal li ma jistax ikun li kull dabra li ssir noqghodu naccettaw kollox. Il-maggoranza tal-Kunsill qablet li dan ghandu jinghata darbtejn fix-xahar biss u mhux iktar minn sittin ewro. Wara kollox dawn huma residenti ta' H'Attard

Is-Sur John P Bonnici ressaq dawn il-punti:

- It-tinda fl-erja tal-flats tqattar l-ilma u ghandha tigi issiljata.
- Li l-hofra tal-bir hdejn il-flats ghandha tigi maghluqa b'mod li tkun safe ghal kulhadd
- Li jitbattal il-bir tal-ilma sabiex il-perit jezamina l-istrutturi ta' fuq. Is-Sur Zammit qal li dan ahjar isir f'Gunju.

- Saqsa rigward il-75,000 sabiex isir ix-xoghol fuq l-area tal-flats. Is-Sur Cordina qal li ha jigi ffirmat il-kuntratt u ha johrog it-tender dalwaqt.
- Saqsa fuq l-Arriva meta  ha tghaddi hdejn il-flats. Is-Sur Cordina qal li aktarx ha tibda mis-27 ta' Mejju, li il-compactor ghadu ma wasalx. (Is-Sur Stefan Cordina qal li dan ordnat u li ghandu jasal fil-granet li gejjin)
- Li l-bring-in site ta' Tumas Chetcuti hija mimlija sa fuq.

Is-Sur Herbert Messina Ferrante ressaq dawn il-punti:

- Staqsa meta ser issir il-bankina ta' St Anthony Street
- Li titranga t-triq quddiem is-Sur Philip Wirth

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Ser issir laqgha mas-Sur Mario Borg tal-MEUSAC
- Qed jistenna risposta fuq gemellagg mat-Tunezija
- Talab li ssir un/loading bay quddiem Misrah Kola Pharmacy. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hemmhekk kien sar ezercizzju fuq l-unloading bays sabiex dawn ikunu komuni ghal kulhadd u li diga hemm tnejn.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Gibed l-attenzjoni fuq l-istores u l-vetturi kummercjali tal-Fahrenheit fi Triq is-Sedqa u li dawn ghandhom jigu ggaraxxjati
- Avviz legali fejn sidien huma obbligati izommu quddiem il-hanut taghhom nadif. Tista tintbaghat ittra generali lil kull min ma josservax dan l-avviz legali
- Li hemm xi boroz suwed taht il-pont ta' Wied Irmiedi
- Li jsir neutering tal-qtates li hemm fi Triq Lorenzo Manche, Triq il-Fikus u Triq is-Sardinella
- Talba sabiex issir Healthfest fl-ewwel hadd ta' Lulju bhal ma sar fil-Belt Valletta (leaflet)
- Li jinbidlu il-bins fi Pjazza Tumas Dingli

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Saqsa fuq il-Barriera ta' Wied Incita u l-protest legali
- Li jsir Bus Shelter fi Triq il-Pitkali ghal rotta 54. Is-Sur Zammit qal li dan ma jistax isir ghax il-bankina dejqa.
- Li l-latrina ta' Gnien il-Palma tinzamm nadifa u li fi Triq il-Gibjun hemm hafna grieden u li ghandu jsir rapport lil tas-Sanita jew inkellmu lis-sid li jitfa il-haxix go din l-art privata.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Fadal kamra wahda fi Triq il-Mosta li taghti vera dehra kerha lil kumplament tat-triq fejn id-djar huma kollha mizmuma. Ghandu jsir kuntatt mas-Sur Ruggier
- Li jinzabru l-hedges fi Gnien il-Palma u fejn hemm nieqes jithawwel biex jikber u jsir qis wiehed

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:

- Li jsiru zewg quddisiet fis-sena ghal-ruh l-Eks Sindku Norbert Pace u l-eks Kunsillier Karmenu Dingli
- Is-Sur Stefan Cordina issugerixxa li titpoggielu kuruna meta jaghlaq sena u ssir quddiesa qabel.
- Li jibda jinghata servizz ta'  bejgh ta' gass darba fil-gimgha mill-area ta' hdejn l-iScotts preferibbilment nhar ta' Sibt
- Li jinbidlu it-tubi kollha tal-Kunsill u jsiru Energy Saving. (Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dawn m'ghandhomx hafna wattage u li dalwaqt nimmuvjaw)
- Li l-marki tal-karreggjata tat-toroq isiru mill-haddiema
- Li jsir xoghol fuq l-isqaq ta'  Triq il-Pjazzetta (Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ga ghamlet kuntatt mal-Perit u li ghandu jibghatilha il-bill of quantities)
- Li ssir diskussjoni fuq il-metodu tal-gbir ta' skart . Hawnhekk saret diskussjoni qasira fuq it-tunnellagg, il-mod ta' gbir u din id-diskussjoni ghandha titkompla taht item separat f'laqagha ohra. Is-Sur Cordina qal li jinghad x'jinghad il-monitoragg huwa dejjem difficli.

**4. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fid-8.45pm ghall-14 t'April fis-6pm.

___________________________ _______________________

Sindku Data